DIKJARAZZJONI TA' APPOĠĠ GĦALL-INIZJATTIVA TAĊ-ĊITTADINI EWROPEJ:[i] Stop (((5G))) - Stay Connected but Protected (Waqqfu l-(((5G))) - Nibqgħu Konnessi imma Protetti)

Ara s-sit web tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej għan-numri ta' identifikazzjoni personali/numri ta' dokumenti ta' identifikazzjoni personali, li jrid jiġi pprovdut wieħed minnhom. [i] Il-formola għandha tiġi stampata fuq folja waħda. Il- grupp ta' organizzaturi jista' juża folji miż-żewġ naħat.

Ritorn għal:
Partit Popolari.
No. 14, Triq ir-Radeb
Manikata
MLH5031 Malta.

1. Il-firmatarji kollha f'din il-formola huma ċittadini ta': Malta

2. Numru ta' reġistrazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea: ECI(2021)000009

3. Dati ta' bidu u tmiem tal-perjodu ta' ġbir: 01/03/2022 - 01/03/2023

4. Indirizz ta' sit web ta' din l-inizjattiva taċ-ċittadini proposta fir-reġistru tal-Kummissjoni Ewropea: https://europa.eu/citizens-initiative/initiatives/details/2021/000009

5. Titolu ta' din l-inizjattiva: Stop (((5G))) - Stay Connected but Protected (Waqqfu l-(((5G))) - Nibqgħu Konnessi imma Protetti)

7. Ismijiet u l-indirizzi tal-posta elettronika tal-persuni ta' kuntatt: Pernille SCHRIVER (stop5Geci@protonmail.com), Elisabeth Birgit MADSEN (E.B.Madsen@protonmail.com)

8. Is-sit web ta' din l-inizjattiva (jekk jeżisti): https://signStop5G.eu

6. Għanijiet tal-inizjattiva: L-implimentazzjoni tal-5G qed tipperikola d-drittijiet tagħna għal ambjent b'saħħtu, għal-libertà u għall-privatezza. Nappellaw lill-Kummissjoni biex tipproponi leġiżlazzjoni li tipproteġi liċ-ċittadini u lill-ambjent minn dan it-theddid:

1. Il-bnedmin, il-fawna u l-flora qed issirilhom ħsara mir-radjazzjoni. Il-limiti ta' esponiment attwali jipprovdu protezzjoni insuffiċjenti - speċjalment għal persuni vulnerabbli (bħat-tfal, in-nisa tqal, il-pazjenti, l-anzjani), l-annimali, l-insetti dakkara u l-pjanti
— Adottaw regolamentazzjoni biex il-ħajjiet kollha jiġu protetti mill-frekwenza tar-radju u r-radjazzjoni tal-mikromewġ *

2. Bil-5G l-ammont ta' tagħmir elettroniku konness, antenni u satelliti se jisplodi. Imbagħad ikun hemm konsum tal-enerġija insostenibbli, emissjonijiet ta' radjazzjoni, estrazzjoni u tniġġis dannużi, li se jipperikolaw il-bijodiversità u l-ħabitats naturali
— Adottaw regolamentazzjoni aktar b'saħħitha biex l-ambjent jiġi protett mill-impatti kollha tal-5G u d-diġitalizzazzjoni*

3. Il-5G jippermetti l-ġbir u s-sorveljanza massivi tad-data minn oġġetti konnessi. Dan se jżid ir-riskju taċ-ċiberkriminalità, l-iżvelar tad-data, is-serq, il-bejgħ mill-ġdid u l-użu ħażin tal-intelliġenza artifiċjali
— Adottaw protezzjoni effettiva tad-data biex il-privatezza, is-sigurtà u l-libertà tagħna jkunu salvagwardjati *

*proposti speċifiċi fl-anness

TRID TIMTELA MILL-FIRMATARJI B'ITTRI KAPITALI - Il-kaxxi kollha f'din il-formola huma obbligatorji.

"B'dan jien niċċertifika li l-informazzjoni li pprovdejt f'din il-formola hija korretta u li jien m'appoġġajtx diġà din l-inizjattiva."

ISMIJIET SĦAĦ	KUNJOMIJIET	NUMRU TAD-DOKUMENT TA' IDENTIFIKAZZJONI PERSONALI	TIP TA' NUMRU TA' IDENTIFIKAZZJONI PERSONALI JEW DOKUMENT	DATA	FIRMA

Stqarrija ta' privatezza: Skont ir-Regolament (UE) 2016/679 (ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data), id-data personali tiegħek pprovduta f'din il-formola se tintuża biss għall-appoġġ tal-inizjattiva u se tkun disponibbli għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għall-fini ta' verifika u ċertifikazzjoni. Inti għandek id-dritt li titlob mill-grupp ta' organizzaturi ta' din l-inizjattiva l-aċċess, ir-rettifika, it-tħassir u r-restrizzjoni tal-ipproċessar tad-data personali tiegħek.Id-data tiegħek se tinħażen mill-grupp ta' organizzaturi għal perjodu massimu ta' żamma ta' xahar wara l-preżentazzjoni tal-inizjattiva lill-Kummissjoni Ewropea jew 21 xahar wara l-bidu tal-perjodu ta' ġbir, skont liema minnhom tiġi l-ewwel. Hija tkun tista' tinżamm lil hinn minn dawn il-limiti ta' żmien fil-każ ta' proċedimenti amministrattivi jew legali, għal mhux aktar minn xahar wara d-data tal-għeluq ta' dawn il-proċedimenti.Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe rimedju amministrattiv jew ġudizzjarju ieħor, għandek id-dritt li tressaq fi kwalunkwe ħin ilment quddiem awtorità tal-protezzjoni tad-data, b'mod partikolari fl-Istat Membru tiegħek ta' residenza abitwali, post tax-xogħol jew post tal-ksur allegat, jekk taħseb li d-data tiegħek tkun ipproċessata illegalment.Ir-rappreżentant tal-grupp ta' organizzaturi tal-inizjattiva jew, fejn xieraq, l-entità ġuridika maħluqa minnu, huwa/hija l-kontrollur skont it-tifsira tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data u jistgħu jiġu kkuntattjati bl-użu tad-dettalji mogħtija f'din il-formola.Id-dettalji ta' kuntatt tal-uffiċjal tal-protezzjoni tad-data (jekk ikun hemm) huma disponibbli fl-indirizz web ta' din l-inizjattiva fir-reġistru tal-Kummissjoni Ewropea, kif previst fil-punt 4 ta' din il-formola.Id-dettalji ta' kuntatt tal-awtorità nazzjonali li se tirċievi u tipproċessa d-data personali tiegħek u d-dettalji ta' kuntatt tal-awtoritajiet nazzjonali għall-protezzjoni tad-data huma disponibbli fuq: https://europa.eu/citizens-initiative/how-it-works/data-protection_mt